**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Numru: 213/2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Gary Falzon**

Iben Carmel u Rose Marie nee Micallef, imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Jannar 1992, residenti ġewwa 9, FairField, Triq ta' Ġorni, San Ġiljan u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 56892M

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Gary Falzon, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-gżejjer, bejn Awwissu 2011 u t-2 ta' April, 2012, f'ħinijiet differenti:

1. Biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Art. 8 (e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm

ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Iktar talli f'dawn il-gżejjer, fit-2 ta' April, 2012, u fil-jiem ta' qabel din id-data:

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

Aktar talli f'dawn il-gżejjer, fit-2 ta' April, 2012, u fis-sena ta' qabel din id-data:

4. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi senjatament l-artikolu 8(e) u s-subartikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat Gary Falzon mit-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentament ikkundanatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data tas-sentenza. B'dan illi jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-użu tad-droga, eżebiti bħala Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gary Falzon, ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tannulla s-sentenza appellata; jew
2. Tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lliberatu mit-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni

u tikkanċellaha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ġie misjub ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u għalhekk tilliberah minnhom; jew

3. Fin-nuqqas, tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier tagħha barra l-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tagħti piena aktar ekwa u ġusta.

Rat li permezz ta' l-istess appell intavolat mill-appellant appena msemmi huwa talab sabiex dina l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, ai termini tal-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba reġgħet ġiet ivverbalizata waqt is-seduta ta' nhar it-28 ta' Settembru 2022.

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Roberta Holland, Stefania Calafato Testa, PC 37 David Bezzina u Louis Buhagiar..

Rat illi permezz ta' digriet datat l-14 ta' Diċembru 2022, din l-Qorti laqgħat it-talba tal-appellant u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, irreferiet lill-istess appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord datata l-10 ta' Jannar 2024, fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant ingħalaq b'suċċess.

Rat li kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali rrimettew ruħhom għall-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti eżebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madankollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjmin minnu fir-rikors tal-appell tiegħu fejn fl-ewwel lok jeċepixxi n-nullita' tas-sentenza appellata, bin-nullita' lamentata tistrieħ fuq il-fatt illi l-parti dispożittiva tas-sentenza tonqos milli tindika l-Artikoli tal-Liġi li dwarhom instabet il-ħtija.

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi "**Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.**" Fuq kollox:-

> **Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza.**[1]

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, fil-każ odjern, il-parti deċizorja tas-sentenza appellata taqra hekk:–

> **Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti tal-ligi senjatament l-artikolu 8(e) u s-subartikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lil qua imputat Gary Falzon mit-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar millum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.**

[1] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.

Illi, huwa evidenti li l-Ewwel Qorti għamlet referenza korretta għall-artikolu tal-liġi li jikkontemplaw ir-reat tat-traffikar tad-droga *cannabis* u ċioe' dak ir-reat uniku li dwaru l-appellant instab ħati, bl-Ewwel Qorti meta ġiet għad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar l-istess tindika l-artikolu 8(e) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa proprju l-artikolu tal-liġi li jikkontempla ir-reat. Issa huwa minnu li jissemmew ukoll is-subartikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-imsemmi Kap, minflok l-artikoli 22(1)(a) u l-artikolu 22(2)(b)(i), iżda dan jidher li kien *lapsus computetri* u fi kwalunkwe każ din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar dik il-piena li għandha tkun erogabbli kontra l-ħati u ma titkellimx dwar ir-reat. Għaldaqstant ma hemm ravvizat ebda irregolarita' jew nullita' fis-sentenza appellata u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnu mressaq, l-appellant jilmenta li s-sentenza mpunjata hija msejsa fuq apprezzament irraġonevoli tal-provi u li wkoll lanqas legalment ma tiswa. Huwa jgħaddi sabiex jelenka diversi fatti emerġenti mill-provi li, fil-fehma tiegħu, kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tilliberah mill-akkuża dwar it-traffikar tad-droga.

Issa, minn ezami akkurat tal-atti proċesswali odjerni, jirriżulta illi l-appellant kien arrestat wara mandat ta' arrest u tfittxija li nħareġ fil-konfront ta' ċertu Patrick Fountain, li wassal lil pulizija sabiex fil-kors tal-istħarriġ tagħhom marbut ma' dan Fountain u preċiżament minn tfittxija li sar fil-fond appartenenti lil din il-persuna fejn l-appellant instab rieqed, il-pulizija elevaw droga suspettatata *cannabis* kif ukoll diversi oġġetti relatati mat-teħid tad-droga.

Illi, l-unika mputazzjoni li dwarha nstab ħati l-appellant kienet dik tat-traffikar tad-droga *cannabis.* Illi, l-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li –

**(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha)b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni makenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza.**

Illi, jingħad minnufih illi l-provi f'dan il-proċess penali huma minimi għall-aħħar u għalkemm l-appellant irrilaxja stqarrija nhar it-2 ta' April 2012 u oħra nhar it-13 ta' April 2012, liema stqarrijiet ġew minnu ġġuramentati quddiem l-Inkwirenti, madanakollu l-Ewwel Qorti skartat tali stqarrijiet meta iddikjarathom bħala prova inammissibbli, minn liema deċiżjoni l-Avukat Ġenerali ma ressaq ebda appell.

Illi, għalhekk l-unika prova li tibqa' hija l-istqarrija ġuramentata ta' Patrick Fountain tat-3 t'April 2012 kif ukoll ix-xhieda tiegħu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Fountain xehed li fiż-żmien meta kien jinsab fi problemi finanzjarji, l-appellant kien avviċinah u staqsieh jekk xtaqx jibda' jittraffika d-droga *cannabis* flimkien miegħu. Huwa kien filfatt aċċetta u flimkien kienu jittraffikaw id-droga ġewwa l-iskola magħrufa bħala l-*Higher Secondary* fin-Naxxar, kif ukoll f'postijiet oħra bħal Balluta u Paceville versu korrispettiv. Dina l-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha tinsab moralment konvinta mill-attendibbilita' u l-veraċita ta' din it-testimonjanza ta' Patrick Fountain u għaldaqstant tqis li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Għalhekk, anke it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar aggravju rimess għall-ġudizzju ta' din l-Qorti huwa dak li jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sitt xhur priġunerija u multa ta' €1000. L-appellant jisħaq li tali piena kienet eċċessiva u esaġerata u li jistħoqqlu temperament fl-istess.

Illi, għalhekk dan l-aggravju tal-appellant huwa dirett sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk għandux jedd għal piena aktar miti. Illi t-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala il-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġaladarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2022, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> **(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:**
>
> **Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.**
>
> **(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.**

Illi, mid-dokumenti u x-xhieda formanti parti mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta illi l-appellant għandu storja ta' abbuż ta' droga. Dan magħdud, madanakollu, jidher illi l-appellant finalment għaraf il-bżonn li jegħleb il-vizzju tat-tossikodipendenza u qed jikkopera bis-sħiħ fil-programm ta' riabilitazzjoni għalkemm jidher li għadu

jagħmel uzu mill-*cannabis* minħabba l-problemi ta' saħħa li għandu. Jirrizulta pero' li huwa sejjer tajjeb u li għalkemm hemm ċertu vulnerabbilitajiet fil-karattru tiegħu, ma jinsabx f'riskju ta' rikaduta, pero' jinħtieġ l-għajnuna sabiex ikompli miexi 'l quddiem. *In oltre*, jidher li illum 'il ġurnata għandu xogħol tajjeb u stabbli, u tbiegħed mill-ħajja kriminoġenika.

Illi, għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aħħar aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell interpost. Tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

i) **Tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu; u**
ii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; u**
iii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita (Dok. MB), hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta'**

**din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni; u**

iv) **Tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti kkundanat lill-appellant għal multa ta' elf Ewro (€1000) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar millum; u**

v) **Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-perijodu ta' sitt xhur priġunerija effettivi u minflok wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-perijodu ta' sitt xhur (6) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum.**

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan kif imfisser fis-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Edwina Grima**
**Imħallef**